# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

## Laqgħa Nru. 17/K8/16

Data: 30 ta' Ġunju 2016

Hin: 4.30p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti:
Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoraci – Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Skużati: (0)

Assenti: (1) L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

3. Komunikazzjoni mis-Sindku;

4. Korrispondenza;

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

5. Diskussjoni dwar żvilupp sostanzjali f' Paceville u San Ġiljan;

6. Risposta għall-*Management Letter;*

7. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;

9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

10. Aġġornament.

**Minuti –*17/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 16/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward is-sistema l-ġdida tal-*one way* fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Iċ-Ċermen ta spjegazzjoni kif ser isir xi tibdil fid-direzzjoni ta' xi toroq żgħar li jiffaċilita' ċ-ċirkustanzi aħjar.

2.02 Terġa' tintbagħat ittra lin-NAAR sabiex jiġi nfurmat li l-Kunsill jinsisti għat-twaħħil mill-ġdid tal-bank li kien inqala' meta saret l-istand tagħhom.

2.03 Fir-rigward l-ittra lit-Transport Malta fir-rigward id-*directional sign* ta' Triq San Ġorġ faċċata tad-Dick's Bar. Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħatet l-ittra iżda s'issa l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

2.04 Terġa tinbagħat reminder l-*istreet naming committee* fir-rigward Triq il-Monasteru.

2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fl-5.20p.m.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nħatar sotto kumitat għall-ambjent li ser ikun iċċerjat mill-Kunsillier Edgar Montanaro bħala l-Kunsillier responsabbli mill-ambjent, il-membri ta' dan is-sotto kumitat ser ikunu:

- Is-Sur Alex Pace Gouder;
- Is-Sinjura Elisa Attard;
- Is-Sur Pierre Cauchi;
- Is-Sur Alan Azzopardi;
- Is-Sur Adrian Cachia;
- Is-Sur Michelle Spiteri;
- Is-Sinjura Vicky Soler Azzopardi;
- Is-Sinjura Catherine Borg Grech;
- Is-Sur Jeremy Borg Grech.

Is-Sindku Guido Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Spiteri huma membri ex-uffiċċju.

3.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Michael Cohen laħaq konsulent fil-Ministeru tat-Transport u l-Infrastrutura bl-iskop li ssir iktar konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali. Għalhekk il-Kunsill għadda lista ta' *issues* pendenti li hemm mat-Transport Malta biex tkun tista' tittieħed azzjoni mmedjata.

3.03 Iċ-Ċermen tkellem mal-ELC fir-rigward siġar u materji oħra filwaqt ser issir laqgħa magħhom sabiex jduru l-area ta' San Ġiljan.

3.04 Fir-rigward Pendegarden minn għada l-iskart ser jibda jinġabar minn ġewwa Pender għaldaqstant l-iskart m'għandux jibqa' jinħareġ barra.

3.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li Wesghet Agostino Savelli tlestiet.

3.06 Il-Kunsill irċieva stedina mill-organizzaturi ta' manifestazzjoni internazzjonali bl-isem ta' Tipicita'. Din il-manifestazzjoni ser issir f' Marzu 2017 fil-belt ta' Fermo (Marche), l-Italja. Din l-istedina tikonsisti biex aħna ntellgħu *stand* b'ikel tradizzjonali Malti u materjal ta' informazzjoni oħra. Filwaqt li l-Kunsill qabel fuq il-prinċipju li nipparteċipaw, inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipprova jġib l-għajnuna finanzjarja għall ispejjeż involuti minn diversi entitajiet ikkonċernati.

3.07 Fir-rigward l-evaluation commitee fir-rigward it-tenders, il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm bżonn membru ieħor f'dan il-bord, u għaldaqstant ġie nnominat u approvat il-Kunsillier Edgar Montanaro.

3.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mal-kuntratturi tal-proġett ta' Triq Mikielanġ Borg, dwar twaħħil ta' sinjali tat-traffiku għall-parkeġġ mill-ġdid. Il-kuntratturi kellhom jiktbulna dwar id-dettalji tal-postijiet fejn jixtiequ jwaħħlu dawn it-tabelli.

3.09 Iċ-Ċermen informa li hu u l-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Edgar Montanaro attendew għal smiegħ pubbliku dwar applikazzjoni għall-kiosk fi Triq Ross kantuniera ma' Triq San Ġorġ. Filwaqt li l-applikazzjonijiet għall-kiosks biex jbiegħu xorb u ikel ma ġietx milqugħa kien jidher li ser issir applikazzjoni oħra għall-kiosk ta' informazzjoni turistika. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li xorta għandu joġġezzjona għall-bini ta' dan il-kiosk minħabba li:

1. Din iż-żona kienet qed tintalab min-naħa tal-Kunsill sabiex tidjieq il-bankina u jsir parkeġġ għal tal-linja.

2. Għaliex dan il-kiosk jista' joħloq ostaklu fil-vista tal-vetturi.

3. Għaliex dan jista' jkun ta' ingombru fuq il-bankina.

3.10 **Dar ta' l-anzjani** – Iċ-Ċermen informa lis-seduta, li wara l-laqgħa ma' l-uffiċċjali tas-Segretarjat Parlamentari tal-Artijiet, ma kellniex żvillupi. Għalhekk kellna niktub lil dawn l-uffiċċjali jekk kienx hemm xi progress fuq it-talbiet tagħna.

3.11 Wara li kien hemm tibdil fil-Kunsilliera, reġgħu ġew definiti d-dikasteri tal-Kunsilliera kif ukoll iż-żoni tar-responsabiltajiet. (Ara l-lista annessa (Ara Appendiċi 'A')

3.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar is-Sibt 2 ta' Lulju 2016 filgħodu ser issir l-*Annual Meeting* tar-Reġjun.

3.13 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-problema li hemm bħalissa bejn il-Kunsill u l-Perit Stephen Farrugia. F'dan l-istadju l-Kunsill qiegħed jivverifika permezz tal-Avukat tiegħu l-obbligi li għandu l-Kunsill fuq il-kwistjoni tad-dar ta' l-anzjani. Dan għaliex il-Perit Stephen Farrugia qiegħed jittratjeni milli jgħaddilna ċ-ċertifikati dwar xi toroq li kienu saru taħt il-*Public Private Partnership.*

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 3443**

4.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar il-Proġett tat-taraġ ta' Triq Scicluna. Kien hemm qbil unanimu dwar il-proposta u għalhekkk se nitlobu lill-perit biex jissotometti l-applikazzjoni mal-MEPA.

***Rif. Nru. 3599***

4.03 Saret riferenza għall-email mingħand l-Avukat Dr. Stefano Filletti dwar inċident fi Triq il-Kbira. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jsir il-pagament minħabba li l-ammont huwa irħas milli l-Kunsill jidħol il-qorti.

***Rif Nru. 3621***

4.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Paroċċa San Ġiljan dwar ir-*Reserved Parking* għall-persuni b'diżabilita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jibagħat lill-Ministeru ikkonċernat filwaqt li l-Paroċċa San Ġiljan tiġi nfurmata li din intbagħatet lill-Ministeru kkonċernat.

***Rif. Nru. 3855***

4.05 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Brian Cardona dwar reċiklaċċ ta' ħwejjeġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill lest jikkopera magħhom iżda ma jsirx skip minħabba li jekk isir l-iskip dan jiġi użat ħażin u jintefa l-iskart madwaru.

***Rif. Nru. 3878***

4.06 Saret riferenza għall-email li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward *Bye Law* rigward il-Ġbir ta' Skart minn fondi Kummerċjali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill m'għadux interessat.

***Rif Nru. 3922***

4.07 B'riferenza għall-ittra mingħand Dr. Lorna Muscat dwar tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Klarissi. (Ara 2.01).

***Rif Nru. 3999***

4.08 Saret riferenza għat-talba mingħand il-Melita Plc sabiex jitpoġġa l-Mobile Shop tagħhom fi Pjazza Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-permess jingħata faċċata tal-*Bring in Sites* fid-Daħla tat-Tigulio.

***Rif Nru. 4000***

4.09 Saret riferenza għat-talba għal Stand quddiem il-Bajja ta' San Ġorġ u ħdejn il-Pitch ta' San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

***Rif Nru. 4010***

4.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Kummissjoni Festa Esterna Madonna tal-Karmnu, Balluta dwar reklamar fuq il-magazine tal-festa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill joffri l-ammont ta' €250.00 minħabba li dan l-ammont ser ikun uniformi għall-għaqdiet kollha.

4.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li irċieva ittra mingħand l-Indipendent fir-rigward l-iżvillup tal-pompa tal-petrol fil-parkeġġ ta' Triq Birkirkara. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament li minħabba li dan l-iżvillup kien għall-iskrutinju tal-Board tal-Ippjanar, il-Kunsill m'għandux jikkummenta minħabba li dan l-appell għadu qiegħed jinstemma.

4.12 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ġie skużat fis-7.00p.m.

## 5. Diskussjoni dwar żvillup sostanzjali f' Paceville u San Ġiljan

5.01 Saret diskussjoni prelimiarji dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-iżvillup ta' bini għoli ġewwa San Ġiljan / Paceville. Kien hemm diversi opinjonijiet dwar kif għandha tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' dan l-*issue* pero' ma kienx hemm qbil u għalhekk id-diskussjoni tħalliet għal darb'oħra.

## 6. Risposta għall-*Management Letter*

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-risposta għall-management letter fejn is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni dwar xi punti li kienu ġew imqajjma mill-awdituri, kien hemm qbil unanimu dwar il-proposta tar-risposta.

## 7. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

7.01 Il-Kunsill ircieva ittra mingħand id-Divesystem dwar kampanja ta' tindif ta' qiegħ il-baħar li ser issir fil-15 ta' Lulju 2016, kien hemm qbil unanimu li nassistuhom permess ta' skip kif ukoll żewġ ħaddiema waqt din l-attivita'.

7.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kwotazzjoni mingħand l-*Eyetech* dwar tibdil fis-sistemi tal-IT tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u kien hemm qbil sabiex din il-kwotazzjoni tiġi approvata. (Ara Appendiċi 'B')

7.03 Il-Kunsill ser jipparteċipa fil-*Good Government Benchmark* mneddija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa.

**8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'Ċ').

8.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

8.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3990 sa' Nru. 4008. (Ara Appendiċi 'D')

9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3990 sa' Nru. 4008.

**10. Aġġornament**

10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 21 ta' Lulju 2016 fl-4.00p.m.

10.02 Il-laqgħa ntemmet fis- 7.40p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: ***21 ta' Lulju 2016 .***